REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 74/2009

tad-19 ta' Jannar 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Billi:

(1) Fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-2003, it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-ilma, il-bijodiversità u r-ristrutturar tal-prodotti tal-ħalib kienu identifikati bħala sfidi ġodda kruċjali għall-agrikoltura Ewropea.

(2) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Tħejjija għall-'Kontroll tas-Saħħa' tar-riforma tal-PAK" fl-20 ta' Novembru 2007. Il-Komunikazzjoni u d-diskussjonijiet sussegwenti tal-elementi ewlenin tagħha mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll bosta kontributi li ħarġu mill-konsultazzjoni pubblika għandhom jiġu meqjusa.

(3) Il-Komunità, bħala parti għall-Protokoll ta' Kjoto ([4]), intalbet timplimenta u/jew telabora aktar il-politiki u l-miżuri skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, bħall-promozzjoni ta' forom sostenibbli ta' agrikoltura fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima. Barra minn dan, il-Protokoll ta' Kjoto jobbliga lill-partijiet biex jifformulaw, jimplimentaw, jippublikaw u jaġġornaw regolarment il-programmi nazzjonali u, fejn adatt, programmi reġjonali li fihom miżuri biex itaffu t-tibdil fil-klima u miżuri biex jiffaċilitaw adattamenti opportuni għat-tibdil fil-klima. Dawn it-tipi ta'programmi jkunu, *inter alia*, jikkonċernaw l-agrikoltura u l-forestrija. Ir-rwol tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandu jissaħħaħ aktar f'dan il-kuntest. Evidenza xjentifika qawwija tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni urġenti. Il-Komunità intalbet ukoll teżamina l-modi kollha possibbli għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra. Minkejja li l-agrikoltura Ewropea kkontribwiet aktar mis-setturi l-oħra biex tikkontrolla l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, fil-futur is-settur agrikolu ser jintalab iżid l-isforzi tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bħala parti mill-istrateġija globali tal-UE kontra t-tibdil fil-klima.

(4) Wara problemi serji relatati mal-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa, il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar "L-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa" tat-30 ta' Ottubru 2007, ikkunsidra li kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-ilma, inkluża l-kwalità tal-ilma, għandhom jiġu indirizzati aktar fil-fond fl-istrumenti tal-PAK rilevanti. Huwa essenzjali li l-agrikoltura Ewropea jkollha ġestjoni sostenibbli tal-ilma, sabiex titjieb l-effiċjenza fir-rigward tal-kwantità tal-ilma użata għall-agrikoltura u sabiex il-kwalità tal-ilma titħares aħjar. Fil-kuntest tat-tibdil mistenni fil-klima, x'aktarx li żżoni milquta minn nixfa ser jiżdiedu fil-vastità u fil-frekwenza.

(5) Barra minn dan, fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar "It-Twaqqif tat-Telf tal-Bijodiversità" tat-18 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill enfasizza li l-protezzjoni tal-bijodiversità tibqa' sfida prinċipali, li tikber aktar bit-tibdil fil-klima u d-domanda għall-ilma, u li, filwaqt li sar progress importanti, il-kisba tal-mira tal-bijodiversità tal-Komunità għall-2010 ser teħtieġ sforzi addizzjonali. L-agrikoltura Ewropea għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-bijodiversità.

(6) Huwa importanti li operazzjonijiet relatati ma' dawn il-prijoritajiet Komunitarji jissaħħu aktar fil-programmi tal-iżvilupp rurali approvati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([5]).

(7) L-innovazzjoni tista', b'mod partikolari, tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u proċessi ġodda u għaldaqstant ser issostni l-isforzi għat-trattament tat-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-ilma u l-bijodiversità. Appoġġ speċifiku għall-innovazzjoni għandu jiġi pprovdut b'referenza għal dawn l-isfidi sabiex tiżdied l-effikaċja tal-operazzjonijiet rispettivi.

(8) L-iskadenza tar-reġim tal-kwoti tal-ħalib fl-2015 taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta'

([1]) Opinjoni tad-19 ta' Novembru 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tat-23 ta' Ottubru 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.
([3]) Opinjoni tat-8 ta' Ottubru 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.
([4]) Adottat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).
([5]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ([1]) ser jeħtieġ sforzi speċifiċi mill-bdiewa ta' prodotti tal-ħalib biex jadattaw għall-kondizzjonijiet li qed jinbidlu, b'mod partikolari f'reġjuni żvantaġġati. Għaldaqstant huwa xieraq li din is-sitwazzjoni partikolari għandha tiġi kkunsidrata wkoll bħala sfida ġdida li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw bil-għan li jiġi żgurat li ma jkunx hemm "skossi gravi" fis-setturi tal-prodotti tal-ħalib tagħhom.

(9) Meta titqies l-importanza ta' dawn il-prijoritajiet, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, fil-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom, għal operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda, approvati skont dan ir-Regolament.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jipprevedi li, bil-ħsieb li jittieħed kont tat-tibdil prinċipali fil-prijoritajiet Komunitarji, il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perijodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013) adottatti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/144/KE ([2]) jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jirċievu fondi addizzjonali għandhom jirrevedu l-pjanijiet tal-istrateġija nazzjonali wara r-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji sabiex jiġi stabbilit qafas għall-programmi li għandhom jiġu mmodifikati. Dan l-obbligu għandu japplika biss għal dawk l-Istati Membri li ser jirċievu, mill-2010, riżorsi finanzjari addizzjonali li jirriżultaw mill-modulazzjoni obbligatorja taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa ([3]) u, mill-2011, l-ammonti ta' fondi mhux utilizzati taħt il-limiti massimi nazzjonali għall-iskema ta' pagament uniku taħt dak ir-Regolament li jiddeċiedu li jitrasferixxu lill-FAEŻR.

(11) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita skadenza għall-introduzzjoni tal-operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda fil-programmi tal-iżvilupp rurali u għas-sottomissjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali riveduti lill-Kummissjoni, sabiex jitħalla lill-Istati Membri perijodu ta' żmien raġonevoli biex jimmodifikaw il-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom fid-dawl tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji u tal-pjanijiet tal-istrateġija nazzjonali riveduti.

(12) Billi l-Atti tal-Adeżjoni tal-2003 u l-2005 pprovdew li l-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda, ħlief għall-Bulgarija u r-Rumanija, ser jirċievu pagamenti diretti wara mekkaniżmu ta' dħul f'fażijiet u li r-regoli għall-modulazzjoni japplikaw għal dawk il-bdiewa biss sa mill-2012, l-Istati Membri l-ġodda m'għandhomx jirrevedu l-pjanijiet strateġiċi nazzjonali. L-iskadenzi għall-Istati Membri l-ġodda biex jirrevedu u jissottomettu l-programmi tal-iżvilupp rurali għandhom jiġu adattati skont dan. Meta jitqies li, għall-istess raġuni, ir-regoli għall-modulazzjoni ma japplikawx għall-Bulgarija u r-Rumanija qabel l-2013, l-obbligu ta' reviżjoni tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali u l-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom m'għandux japplika għal dawn l-Istati Membri l-ġodda.

(13) Fid-dawl tal-obbligi l-ġodda, ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-programmi tal-iżvilupp rurali għandhom jiġu adattati. Għandha tiġi stabbilita lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' operazzjoni u l-effetti potenzjali tagħhom sabiex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw l-operazzjonijiet rilevanti relatati mal-isfidi l-ġodda fil-kuntest tal-qafas legali għall-iżvilupp rurali.

(14) Sabiex jiġu pprovduti inċentivi addizzjonali lill-benefiċjarji biex iwettqu operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet il-ġodda, għandha tiġi pprovduta l-possibbiltà li jiġu stabbiliti ammonti u rati ogħla ta' appoġġ għal operazzjonijiet bħal dawn.

(15) Sabiex tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u fis-settur tal-ikel u fis-settur tal-foresterija, għandha tiġi pprovduta aktar flessibbiltà rigward il-kompożizzjoni tas-sħab tal-proġett.

(16) Għall-bdiewa affettwati minn tnaqqis sostanzjali fil-valur tal-pagamenti diretti tagħhom mogħtija f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa ([4]), għandu jingħata appoġġ ta' ristrutturazzjoni sa mis-sena baġitarja 2011, li jkun transitorju, digressiv, u mhux diskriminatorju. Tali appoġġ għandu jiġi pprovdut permezz tal-programmi ta' żvilupp rurali sabiex jassisti lill-bdiewa kkonċernati fl-adattament għall-kondizzjonijiet mibdula billi jirristrutturaw l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom ġewwa u barra mis-settur agrikolu.

(17) Sabiex tiġi pprovduta aktar flessibbiltà għal appoġġ li jipproduċi effetti agroambjentali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jtemmu l-impenji agroambjentali u li jagħmlu disponibbli appoġġ ambjentali taħt l-ewwel pilastru, bil-kondizzjoni li l-interessi ekonomiċi u l-aspettattivi leġitimi tal-benefiċjarju jiġu rrispettati u li jinżamm il-benefiċċju ambjentali globali.

(18) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti rekwiżiti fl-oqsma tas-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali huma soġġetti għal tnaqqis jew għal esklużjoni minn appoġġ dirett. Regolament (KE) Nru 1698/2005 jintroduċi l-istess prinċipju fl-iżvilupp rurali għal ċerti miżuri. Din is-sistema ta' "kundizzjonalità" tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali. Madankollu, jistgħu jiġu identifikati differenzi bejn iż-żewġ oqsma ta' applikazzjoni, billi diversi mir-regoli ts-sistema

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 25.2.2006, p. 20.
([3]) Ara l-paġna 16 f'dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

ta' kundizzjonalità tal-pagamenti diretti mhumiex inklużi fil-kundizzjonalità għall-iżvilupp rurali. Sabiex tiġi żgurata konsistenza, huwa meħtieġ li regoli ta' żvilupp rurali dwar kundizzjonalità jiġi alinjati ma' dawk ta' pagamenti diretti, b'mod partikolari rigward ir-responsabbiltà fil-każ ta' trasferiment ta' art, limiti minimi applikabbli għal tnaqqis u esklużjonijiet, każijiet minuri ta' nuqqas ta' konformità, il-kriterji speċifiċi li għandhom jitqiesu għar-regoli dettaljati dwar tnaqqis u esklużjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti u dati ġodda ta' applikazzjoni għal rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali fl-Istati Membri l-ġodda.

(19) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 73/2009, ir-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' modulazzjoni obbligatorja taħt dak ir-Regolament flimkien ma', mill-2011, l-ammonti ta' fondi mhux utilizzati taħt il-limiti massimi nazzjonali għall-iskema ta' pagament uniku taħt dak ir-Regolament li l-Istati Membri jiddeċiedu li jittrasferixxu lill-FAEŻR għandhom jintużaw għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali. Huwa adatt li jiġi żgurat li ammont ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi finanzjarji għandu jintuża biex ikunu appoġġjati operazzjonijiet relatati mal-isfidi l-ġodda.

(20) Meta jitqies li l-użu addizzjonali, speċifiku u vinkolanti tal-ammonti korrispondenti għal dawk ir-riżorsi finanzjarji, il-bilanċ stabbilit bejn l-objettivi ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali m'għandux ikun affettwat.

(21) Meta titqies l-importanza tal-isfidi l-ġodda fil-livell Komunitarju u l-urġenza li jkun hemm rispons għalihom, il-kontribut tal-FAEŻR għandu jiżdied biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet relatati.

(22) Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ fir-rigward tat-tibdil fil-programmi tal-iżvilupp rurali għandhom jiġu mmodifikati sabiex tiżdied l-effiċjenza tiegħu.

(23) Fl-interess taċ-ċertezza u tas-sempliċità legali, huwa adatt li jiġu ċċarati u armonizzati d-dispożizzjonijiet li jipprevedu għan-non-applikazzjoni tal-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għall-pagamenti li saru mill-Istati Membri skont, u f'konformità ma', dan ir-Regolament.

(24) Sabiex jiġi ffaċilitat aktar l-istabbiliment inizjali ta' bdiewa żgħażagħ u l-aġġustament strutturali tal-azjendi agrikoli tagħhom wara l-istabbiliment inizjali, l-ammont ta' appoġġ massimu għandu jiżdied.

(25) Sabiex jiġi pprovdut qafas ġdid għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet strateġiċi nazzjonali riveduti u programmi ta' żvilupp rurali b'mod f'waqtu, partikolarment rigward l-ammonti li għandhom jitqieghdu għad-dispożizzjoni permezz ta' modulazzjoni, dan ir-Regolament għandu japplika sa mill-1 ta' Jannar 2009, flimkien mar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Minħabba fin-natura tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tali applikazzjoni retroattiva m'għandhiex tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali tal-benefiċjarji kkonċernati. Madankollu, u fid-dawl ta' dak il-prinċipju, id-dispożizzjonijiet emendati li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010.

(26) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11(3), il-punt (d) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) lista tal-programmi tal-iżvilupp rurali li jimplimentaw il-pjan ta' strateġija nazzjonali, allokazzjoni indikattiva mill-FAEŻR għal kull programm, inklużi l-ammonti previsti fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, u indikazzjoni separata tal-ammonti previsti fl-Artikolu 69(5a) ta' dan ir-Regolament.";

(2) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal fil-Kapitolu II:

"Artikolu 12a

Reviżjoni

1. Kull Stat Membru li jirċievi, mill-2010, il-fondi addizzjonali li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja taħt l-Artikoli 9(4) u 10(3) flimkien ma', mill-2011, l-ammonti ġġenerati taħt l-Artikolu 136 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (*), għandu jirrevedi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament, il-pjan ta' strateġija nazzjonali tiegħu wara r-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif imsemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-pjan ta' strateġija nazzjonali rivedut imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jintbagħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009.

(*) ĠU L 30,31.1.2009, p. 16.".

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 16a

Operazzjonijiet speċifiċi relatati ma' ċerti prijoritajiet

1. Mill-1 ta' Jannar 2010, l-Istati Membri għandhom, fil-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jipprevedu għal tipi ta' operazzjonijiet li jkollhom il-prijoritajiet li ġejjin kif deskritti fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u speċifikati aktar fil-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali:

(a) tibdil fil-klima,

(b) enerġiji rinnovabbli,

(c) ġestjoni tal-ilma,

(d) bijodiversità.

(e) miżuri li jakkumpanjaw ir-ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib,

(f) innovazzjoni marbuta mal-prijoritajiet imsemmijin fil-punti (a), (b), (c) u (d).

It-tipi ta' operazzjonijiet li għandhom ikunu relatati mal-prijoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu mmirati biex jilħqu effetti bħall-effetti potenzjali speċifikati fl-Anness II. Lista indikattiva ta' tipi ta' operazzjonijiet bħal dawn u l-effetti potenzjali tagħhom hija mniżżla f'dak l-Anness.

Il-programmi riveduti ta' żvilupp rurali relatati mal-operazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009.

2. Mill-1 ta' Jannar 2010, għat-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rati tal-intensità tal-għajnuna stabbiliti fl-Anness I jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali.

3. Mill-1 ta' Jannar 2010, kull programm tal-iżvilupp rurali għandu jinkludi wkoll:

(a) il-lista tat-tipi ta' operazzjonijiet u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(c) dwar it-tipi speċifiċi ta' operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) tabella li tistabbilixxi, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013, il-kontribuzzjoni totali tal-Komunità għat-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Għall-Istati Membri l-ġodda, kif iddefinit fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 id-dati ta' bidu msemmija fil-prażijiet introduttorji tal-paragrafi 1 u 3 ghandhom ikunu l-1 ta' Jannar 2013, id-data għall-preżentazzjoni tal-programmi riveduti tal-iżvilupp rurali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2012 u l-perijodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3 ghandu jkun l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

5. Il-paragrafi 1, 3 u 4 m'ghandhomx japplikaw ghall-Bulgarija u r-Rumanija".

(4) Il-paragrafu li ġej ghandu jiżdied mal-Artikolu 17:

"3. L-ammonti ekwivalenti ghal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja taħt l-Artikolu 69(5a) m'ghandhomx jitqiesu fil-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR li minnu l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja minima ghal kull assi tiġi kkalkulata kif previst fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.";

(5) Fl-Artikolu 20(1), il-punt (d) ghandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) miżuri transitorji dwar:

(i) l-appoġġ ghall-azjendi agrikoli ta' semi-sussistenza li ghaddejjin minn ristrutturar (ghall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja);

(ii) l-appoġġ ghall-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi (ghall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja);

(iii) l-appoġġ ghall-azjendi agrikoli li ghaddejjin minn ristrutturar, inkluża d-diversifikazzjoni lil attivitajiet barra mis-settur agrikolu, minħabba riforma tal-organizzazzjoni tas-suq komuni.";

(6) Is-sentenza li ġejja ghandha tiżdied mal-Artikolu 29(1):

"Il-kooperazzjoni ghandha tinvolvi mill-inqas żewġ atturi li minnhom mill-inqas wieħed ikun jew produttur primarju jew jappartjeni ghall-industrija tal-ipproċessar."

(7) L-Artikolu li ġej ghandu jiddaħħal fis-Subtaqsima 4 "Kondizzjonijiet ghal miżuri transitorji":

"Artikolu 35a

Azjendi li ghaddejjin minn ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni tas-suq komuni

1. Appoġġ previst fl-Artikolu 20(d)(iii) ghal azjendi agrikoli li jghaddu minn ristrutturar, inkluża diversifikazzjoni barra mill-attivitajiet agrikoli, minħabba riforma tal-organizzazzjoni tas-suq komuni ghandhom jingħataw lil bdiewa li l-pagamenti diretti tagħhom huma mnaqqsa sa mill-2010 b'aktar minn 25 % meta mqabbla mal-2009 skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li jippreżentaw pjan ta' negozju.

2. Progress fir-rigward tal-pjan ta' negozju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi vvalutat wara tnax-il xahar.

3. L-appoġġ għandu jitħallas fil-forma ta' għajnuna ta' rata fissa digressiva u biss fis-snin 2011, 2012 u 2013. L-appoġġ għandu jiġi limitat għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness I u, fi kwalunkwe każ, m'għandux jeċċedi 50 % tat-tnaqqis ta' pagamenti diretti meta mqabbla mal-2009 skont ir-Regolament Nru 1782/2003.";

(8) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 39(3):

"L-Istati Membri jistgħu jtemmu tali impenji, mingħajr obbligu għall-benefiċjarju kkonċernat li jirrimborża l-appoġġ li rċieva diġà, bil-kondizzjoni li:

(a) l-appoġġ taħt ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 ikun reċentement imqiegħed għas-dispożizzjoni fil-qafas li fih jiġu applikati r-regoli li jipproduċu effetti agroambjentali ekwivalenti għal dawk tal-miżura agroambjentali li ngħalqet;

(b) tali appoġġ ma jkunx finanzjarjament anqas favorevoli għall-benefiċjarju kkonċernat;

(c) il-benefiċjarju kkonċernat ikun infurmat b'din il-possibbiltà fil-ħin li jaċċetta l-inpenji tiegħu.";

(9) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal fis-Subtaqsima 4 "Rispett ta' Standards":

"Article 50a

Rekwiżiti ewlenin

1. Benefiċjarju li jirċievi pagamenti taħt l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), (iv) u (v) għandu jirrispetta, rigward l-azjenda sħiħa, ir-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba previsti fl-Artikoli 5 u 6 ta', u fl-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

L-obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal attivitajiet mhux agrikoli f'azjenda u żoni mhux agrikoli li għalihom ma jintalab l-ebda appoġġ skont l-Artikoli 36(b)(i), (iv) u (v) ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi lill-benefiċjarju, *inter alia* bl-użu ta' mezzi elettroniċi, lista ta' rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba li jridu jiġu rispettati.";

(10) L-Artikolu 51(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'is-sena kalendarja kkonċernata') ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti ta' ġestjoni statutorji u l-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' ommissjoni direttament attribwibbli lill-benefiċjarju li kien ippreżenta t-talba ghal pagament taht l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), (iv) u (v) fis-sena kalendarja kkonċernata, l-ammont totali ta' dawn il-pagamenti mogħti jew li ser jingħata lil dak il-benefiċjarju relatat mas-sena kalendarja kkonċernata għandu jitnaqqas jew ikun eskluż skont ir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 4.

It-tnaqqis jew l-esklużjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw ukoll fejn ir-rekwiżiti minimi għall-użu ta' prodotti ta' fertilizzanti u protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 39(3) ma jkunx hemm konformità magħhom fi kwalunkwe żmien tas-sena kalendarja kkonċernata u n-nuqqas ta' konformità in kwistjoni hu r-riżultat ta' att jew ommissjoni direttament attribwibbli lill-benefiċjarju li ppreżenta t-talba ghal pagament taht l-Artikolu 36(a)(iv).

L-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità in kwistjoni tkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni marbuta direttament mal-persuna li lilha jew li mingħandha ġiet ittrasferita l-art.

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, 'trasferiment' tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art ma tibqax ghad-dispożizzjoni ta' min jittrasferixxi.

B'deroga mit-tielet subparagrafu, fejn il-persuna li l-att jew ommissjoni huma attribwibbli direttament lilha tkun ippreżentat talba ghal pagament fis-sena kalendarja kkonċernata, it-tnaqqis jew l-esklużjoni ghandhom ikunu applikati ghall-ammonti totali ta' pagamenti mogħtija jew li ghandhom jingħataw lil dik il-persuna.";

(11) L-Artikolu 51(2) ghandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis jew l-esklużjoni tal-pagamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'ghandhomx japplikaw ghal standards li ghalihom ingħata perijodu ta' konċessjoni skont l-Artikolu 26(1) waqt il-perijodu ta' konċessjoni.

Minkejja l-paragrafu 1 u f'konformità mal-kondizzjonjiet stabbiliti fir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 4, l-Istati Membri jistghu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis jew esklużjoni li tammonta ghal EUR 100 jew anqas ghal kull benefiċjarju u ghal kull sena kalendarja.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-ghażla prevista fit-tieni subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti ghandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-benefiċjarju jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Is-sejbiet u l-obbligu li tittieħed azzjoni ta' rimedju ghandhom jiġu nnotifikati lill-benefiċjarju.";

(12) L-Artikolu 51(3) ghandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu, id-data "l-1 ta' Jannar 2011" ghandha tiġi sostitwita b'"l-1 ta' Jannar 2013";

(b) fit-tielet subparagrafu, il-punt (c), id-data "l-1 ta' Jannar 2014" ghandha tiġi sostitwita b'"l-1 ta' Jannar 2016";

(13) L-Artikolu 51(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(2). F'dan il-kuntest għandu jittieħed kont tas-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità misjuba kif ukoll tal-kriterji li ġejjin:

(a) Fil-każ ta' negliġenza, il-perċentwali tat-tnaqqis m'għandux jaqbeż il-5 % u, f'każ ta' nuqqas ta' konformità repetittiv, 15 %.

F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-ebda tnaqqis m'għandu jkun applikat fejn, minħabba s-severità, il-firxa u l-permanenza, każ ta' nuqqas ta' konformità għandu jkun ikkunsidrat bħala minuri. Madankollu, każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għall-pubbliku jew għal saħħet l-annimali m'għandhomx jitqiesu bħala minuri.

Sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju immedjata li twaqqaf in-nuqqas ta' konformità misjub, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa li jistgħu, fejn adatt, jkunu limitati għal kontroll amministrattiv, biex jiġi żgurat li l-benefiċjarju jirrimedja s-sejba ta' nuqqas ta' konformità kkonċernata. Is-sejba ta' nuqqas ta' konformità minuri u l-obbligu li tittieħed azzjoni ta' rimedju għandhom jiġu nnotifikati lill-benefiċjarju.

(b) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, il-perċentwali ta' tnaqqis m'għandux bħala prinċipju jkun inqas minn 20 % u jista' jwassal anke għall-esklużjoni totali minn waħda jew diversi skemi ta' għajnuna u japplika għal sena kalendarja waħda jew iktar.

(c) F'kull każ, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda m'għandux ikun iktar mill-ammont totali imsemmi fl-Artikolu 51(1)."

(14) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiddaħħlu fl-Artikolu 69:

"5a. Ammont ekwivalenti għall-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja taħt l-Artikoli 9(4) u 10(4) flimkien ma', mill-2011, l-ammonti ġġenerati taħt l-Artikolu 136 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għandu jintefaq esklussivament mill-Istati Membri fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015 bħala appoġġ Komunitarju taħt il-programmi preżenti tal-iżvilupp rurali għal operazzjonijiet tat-tipi msemmija fl-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament.

Għall-Istati Membri l-ġodda, kif iddefinit fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 il-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015.

L-ewwel żewġ subparagrafi m'għandhomx japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija.

5b. Jekk, fl-għeluq tal-programm, l-ammont reali ta' kontribuzzjoni Komunitarja li jkun intefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu jkun aktar baxx mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu, id-differenza għandha tkun rimborżata mill-Istat Membru lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej sal-ammont li bih l-allokazzjonijiet totali disponibbli għall-operazzjonijiet minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 16a jkunu nqabżu.

5c. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu m'għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.";

(15) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 70(4):

"Minkejja l-limiti massimi mniżżlin fil-paragrafu 3, il-kontribut tal-FAEŻR jista' jiżdied sa 90 % għal reġjuni ta' konverġenza u sa 75 % għal reġjuni ta' non- konverġenza għall-operazzjonijiet tat-tipi msemmijin fl-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament, sal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja taħt l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(3) flimkien ma', mill-2011, l-ammonti ġġenerati taħt l-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) 73/2009";

(16) Fl-Artikolu 78, il-punt (f) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) għandu jikkunsidra u japprova kwalunkwe proposti sostanzjali għal tibdil fil-programmi tal-iżvilupp rurali.";

(17) Fl-Artikolu 88(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru mill-Istati Membri skont, u f'konformità ma', dan ir-Regolament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 36 tat-Trattat.";

(18) Il-kelma "Anness" għandha tiġi sostitwita b'"Anness I" fit-titolu tal-Anness u fl-Artikoli li ġejjin: 22(2), 23(6), 24(2), 26(2), 27(3), 28(2), 31(2), 32(2), 33, 34(3), 35(2), 37(3), 38(2), 39(4), 40(3), 43(4), 44(4), 45(3), 46, 47(2), 88(2), 88(4), 88(6);

(19) L-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) L-ammont f'EUR għall-"istabbiliment ta' appoġġ" taħt l-Artikolu 22(2) indikat fit-tielet kolonna tal-ewwel ringiela, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"70 000";

(b) ir-ringiela li ġejja għandha tiddaħħal wara l-ħdax-il ringiela dwar l-appoġġ għal gruppi ta' produtturi taħt l-Artikolu 35(2):

"35a(3)	Ammont massimu ta' appoġġ għar-ristrutturar minħabba riforma ta' organizzazzjoni tas-suq komuni		Ghal kull azjenda
		4 500	fl-2011
		3 000	fl-2012
		1 500	fl-2013";

(c) in-nota fit-tmiem "*" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(*) L-istabbiliment ta' appoġġ jista' jingħata fil-forma ta' primjum uniku sa massimu ta' EUR 40 000, jew fil-forma ta' sussidju ta' rata ta' interess, li l-valur kapitalizzat tiegħu ma jistax jeċċedi l-EUR 40 000. Għaż-żewġ forom ta' appoġġ ikkombinati, il-massimu ma jistax jeċċedi l-EUR 70 000.";

(d) in-nota fit-tmiem "****" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(****) Dawn l-ammonti jistgħu jiżdiedu għat-tipi ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16a u f'każijiet oħra eċċezzjonali billi jitqiesu ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi tal-iżvilupp rurali.";

(20) Ghandu jiżdied Anness ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness ghal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ghandu jidhol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ghandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009, bl-eċċezzjoni tal-punti (10), (11) u (13) tal-Artikolu 1, li ghandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2009.

Ghall-Kunsill

Il-President

P. GANDALOVIČ

ANNESS

"ANNESS II

Lista indikattiva bit-tipi ta' operazzjonijiet u effetti potenzjali relatati ma' prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 16a

Prijorità: Adattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Titjieb l-effiċjenza tal-użu tal-fertilizzant tan-nitroġenu (eż. tnaqqis fl-użu, tagħmir, agrikoltura ta' preċiżjoni), titjib fil-ħżin tad-demel	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan (CH_4) u tal-ossidu nitruż (N_2O)
Titjib fl-effiċjenza tal-enerġija (eż. użu ta' materjali ta' kostruzzjoni li jnaqqsu t-telf tas-sħana)	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija Artikolu 29: kooperazzjoni għal prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju (CO_2) permezz tal-iffrankar tal-enerġija
Mekkaniżmi preventivi kontra effetti negattivi ta' avvenimenti estremi relatati mal-klima (eż. it-tqeġħid ta' xbieki għall-borra)	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli	Tnaqqis tal-effetti negattivi minn avvenimenti ta' temp estrem fuq il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola
Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija (eż. metodi tat-tkabbir tal-għelejjel, għelejjel li jikbru malajr, newbiet diversifikati tal-uċuh)	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis tal-ossidu nitruż (N_2O); l-iżolament tal-karbonju; adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-ħamrija
Tibdil fl-użu tal-art (eż. il-bidla minn art li tinħarat għal mergħat, serħan permanenti tal-artijiet)	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali Artikolu 41: investimenti mhux produttivi	Tnaqqis tal-ossidu nitruż (N_2O); iżolament tal-karbonju
Estensifikazzjoni tal-bhejjem (eż. tnaqqis tad-densità tal-istokkijiet) u ġestjoni ta' art erbaċea	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metanu (CH_4) u tal-ossidu nitruż (N_2O)
Tisġir, stabbiliment ta' sistemi ta' agroforestrija	Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta' art mhux agrikola Artikolu 44: l-ewwel stabbilitment ta' sistemi ta' agroforestrija fuq art agrikola	Tnaqqis tal-ossidu nitruż (N_2O); iżolament tal-karbonju
Prevenzjoni tal-ġħargħar u miżuri ta' ġestjoni (eż. proġetti relatati mal-protezzjoni mill-ġħargħar tal-kosta u tal-art interna)	Artikolu 20: ir-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola danneġġjat minn diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni adatti	Tnaqqis tal-effetti negattivi ta' avvenimenti ta' temp estrem relatati mat-tibdil fil-klima fuq il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola

Prijorità: Adattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Taħriġ u użu ta' servizzi konsultattivi għall-farms relatati mat-tibdil fil-klima	Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni Artikolu 24: użu ta' servizzi konsultattivi Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni	Provvediment ta' taħriġ u konsulenza lill-bdiewa biex inaqqsu l-gassijiet b'effett serra u biex jadattaw għat-tibdil fil-klima
Azzjonijiet ta' prevenzjoni kontra n-nirien fil-foresti u diżastri naturali relatati mal-klima	Artikolu 48: ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni	Iżolament tal-karbonju fil-foresti u l-evitar tal-emissjonijiet tal-ossidu tal-karbonju (CO_2); tnaqqis tal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti
Bidla għal tipi ta' foresti aktar reżistenti	Artikolu 47: ambjent ta' foresti Artikolu 49: investimenti mhux produttivi	Tnaqqis tal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti

Prijorità: Sorsi ta' enerġija li tiġġedded

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Produzzjoni tal-bijogass — bl-użu ta' skart organiku (fuq il-produzzjoni mill-farms u lokali)	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; it-tnaqqis tal-metan (CH_4)
Uċuh perenni ta' enerġija (msaġar ta' newba qasira u ħxejjjex erbaċeji)	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; l-iżolament tal-karbonju; tnaqqis tal-ossidu nitruż (N_2O)
L-ipproċessar ta' bijomassa agrikola/mill-foresti għall-enerġija li tiġġedded	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u dak tal-ikel u fis-settur tal-forestrija Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ	Sostituzzjoni tal-karburanti fossili
Istalazzjonijiet/infrastruttura għall-enerġija rinnovabbli bl-użu ta' bijomassa u sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli (enerġija solari u mir-riħ, ġeotermali)	Artikolu 53: diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali Artikolu 30: infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija	Sostituzzjoni tal-karburanti fossili

Prijorità: Sorsi ta' enerġija li tiġġedded

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-enerġiji rinnovabbli	Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni	Sensibilizzazzjoni u għarfien u għaldaqstant, indirettament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-enerġiji rinnovabbli

Prijorità: Ġestjoni tal-Ilma

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Teknoloġiji għall-iffrankar tal-ilma (eż. sistemi ta' irrigazzjoni effiċjenti) Ħżin tal-ilma (inklużi żoni fejn ifur l-ilma) Teknoloġiji għall-iffrankar tal-ilma (eż. varjazzjonijiet ta' ħsad adattati)	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 30: infrastruttura Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Titjieb il-kapaċità ta' użu aktar effiċjenti tal-ilma u biex tittejjeb il-kapaċità ta' ħżin tal-ilma
Restawr ta' artijiet mistagħdra Il-bidla ta' art agrikola f'art mistagħdra	Artikolu 41: investimenti mhux produttivi Artikolu 39: pagamenti agroambjentali Artikolu 38: pagamenti ta' Natura 2000	Konservazzjoni ta' masses tal-ilma ta' valur għoli; protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma
Il-bidla ta' art agrikola f'foresta/sistemi ta' agroforestrija	Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta' art mhux agrikola	Protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma
Istalazzjonijiet għat-trattament tal-ilma użat fuq farms u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli Artikolu 28: żieda fil-valur tal-prodotti ta' art agrikola u tal-forestrija	Titjieb il-kapaċità ta' użu aktar effiċjenti tal-ilma
Żvilupp ta' masses tal-ilma semi-naturali Ħolqien ta' xtut naturali Xmajjar serpeġġjanti	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali Artikolu 57: konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali	Konservazzjoni ta' masses tal-ilma ta' valur għoli; protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ilma
Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija (eż. uċuh li jikbru malajr, biedja organika, il-bidla ta' art li tinħarat f'mergħat permanenti)	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Kontribut għat-tnaqqis ta' telf ta' komposti differenti fl-ilma, inkluż il-fosfru.
Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-ġestjoni tal-ilma	Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni	Sensibilizzazzjoni ta' kuxjenza u għarfien u għaldaqstant, indirettament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-ilma

Prijorità: Bijodiversità

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Ma jiġux applikati fertilizzanti u pestiċidi fuq art agrikola ta' valur naturali għoli Forom estensivi ta' ġestjoni tal-bhejjem Produzzjoni integrata u organika	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Konservazzjoni ta' tipi ta' veġetazzjoni rikki fl-ispeċi, protezzjoni u żamma fl-ordni ta' artijiet erbaċei
Għelieqi perenni u meded ta' konfini f'xtut ix-xmajjar u biobeds Stabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni għal Natura 2000 Bini/ġestjoni ta' bijotopi/habitats ġewwa jew 'il barra mis-siti ta' Natura 2000 Bidla fl-użu tal-art (ġestjoni estensiva ta' art erbaċea, bidla ta' art ikkultivata f'mergħa permanenti, serħan tal-artijiet għall-perijodu ta' żmien twil) Ġestjoni ta' pjanti perenni ta' valur naturali għoli Stabbiliment u preservazzjoni ta' msaġar ta' mergħat	Artikoli 38 u 46: pagamenti ta' Natura 2000 Artikolu 39: pagamenti agroambjentali Artikolu 41: investimenti mhux produttivi Artikolu 47: pagamenti għall-foresti u għall-ambjent Artikolu 57: konservazzjoni u titjib tal-wirt rurali	Għasafar u annimali salvaġġi oħrajn protetti u netwerk tal-bijotopi imtejjeb; inqas dħul ta' sustanzi ta' ħsara f'habitats konfinali; konservazzjoni ta' fawna u flora protetti
Konservazzjoni ta' diversità ġenetika	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Diversità ġenetika konservata
Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-bijodiversità	Artikolu 21: taħriġ professjonali u azzjonijiet ta' informazzjoni Artikolu 58: taħriġ u informazzjoni	Sensibilizzazzjoni ta' kuxjenza u għarfien u għaldaqstant, indirettament, l-effiċjenza ta' operazzjonijiet oħra relatati mal-bijodiversità

Prijorità: Miżuri li jakkumpanjaw ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib

Tipi ta' operazzjonijiet	Artikoli u miżuri	Effetti potenzjali
Appoġġ għall-investiment relatat mal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib	Artikolu 26: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli	Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija
Informazzjoni u disseminazzjoni ta' għarfien relatat mal-bijodiversità	Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija	Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija
Innovazzjoni relatata mas-settur tal-prodotti tal-ħalib	Artikolu 29: kooperazzjoni għal iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Titjib fil-kompetittività tas-setturi ta' l-agrikoltura u tal-forestrija
Primjums għall-art tal-mergħa u produzzjoni estensiva tal-bhejjem produzzjoni organika relatata mal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib; primjums għall-mergħat permanenti f'żoni żvantaġġġati; primjums għall-mergħat	Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tisħiħ tal-effetti ambjentali pożittivi tas-settur tal-prodotti tal-ħalib

Prijorità: Approċċi innovattivi rilevanti għall-prijoritajiet taħt l- Artikolu 16a(1)(a), (b), (c) u (d)		
Operazzjonijiet innovattivi biex jitrattaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u miżuri ta' adattament	Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-GHG (gassijiet b'effett serra) u adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima
Operazzjonijiet innovattivi biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli	Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Sostituzzjoni tal-karburanti fossili u tnaqqis tal-GHG;
Operazzjonijiet innovattivi biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ilma	Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Tittejjeb il-kapaċità tal-użu aktar effiċjenti tal-ilma u biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma
Operazzjonijiet innovattivi biex tiġi appoġġata l-konservazzjoni tal-bijodiversità	Artikolu 29: kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda	Jitwaqqaf it-telf fil-bijodiversità"